A.L. 76 ta' l-1994

ATT DWAR IL-BORŻA TA' MALTA (KAP. 345)

Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar il-Borża ta' Malta (Sostituzzjoni ta' l-Ewwel Skeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi, bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Borża,u wara li ikkonsulta l-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar il-Borża ta' Malta (Sostituzzjoni ta' l-Ewwel Skeda) u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att, għandha tidħol din l-Ewwel Skeda ġdida li ġejja:—

"L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 7)

L-ISTATUT

1. **Applikabilità**

Dan l-Istatut japplika għall-"Borża ta' Malta" kif imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345.

2. **Tifsir u dispożizzjonijiet ġenerali**

(i) F'dan l-Istatut sakemm is-suġġett jew ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 6 ta' l-Istatut;

"Rappreżentant Akkreditat" tfisser individwu li ġie awtorizzat bil-miktub minn membru biex jirrappreżentah fl-attivitajiet tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-Borża u li l-membru jaċċetta kull responsabbiltà għalih u li jkun ġie aċċettat mill-Kunsill sabiex jagħmilha ta' rappreżentant akkreditat.

(ii) L-uffiċjali tal-Borża jkunu ċ-*Chairman*, il-Viċi *Chairman* u l-*General Manager* tal-Borża.

(iii) Il-*General Manager* għandu jkollu dawk id-dmirijiet li jingħatawlu b'dan l-Istatut jew bil-*bye-laws* u għandu jaġixxi skond id-direzzjoni ġenerali tal-Kunsill.

3. **Sħubija**

Membri.

(i) Is-sħubija tal-Borża għandha tkun magħmula minn *stockbrokers* liċenzjati:

Iżda persuna jew persuni maħtura mill-Bank Ċentrali u approvati mill-Ministru għandu jkollhom liċenza mill-Kunsill biex jagħmluha ta' *stockbrokers* bil-għan li jinnegozjaw unikament f'titoli maħruġa mill-Gvern bla ħsara għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dik il-persuna jew dawk il-persuni ma jkollhomx jedd ta' vot f'laqgħa tal-membri tal-Borża u ma jkunux eliġibbli għal elezzjoni bħala membru tal-Kumitat tal-Borża;

(b) dik il-persuna jew dawk il-persuni jistgħu jieħdu pożizzjoni u jagħmluha ta' prinċipal għall-Bank Ċentrali;

(ċ) dik il-persuna jew dawk il-persuni jkunu eżenti mill-applikabilità ta' dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Istatut:

— fl-Artikolu 3, is-subparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (iii), il-paragrafi (iv) sa (vi), (ix), (xiii) u (xiv) tiegħu;

— fl-Artikolu 6, is-subparagrafu (b)) tal-paragrafu (ii) u l-paragrafu (iv) tiegħu.

Applikazzjoni.

(ii) Kull kandidat li japplika għal dħul fis-sħubija għandu japplika bil-miktub għal liċenza lill-*General Manager* f'dik il-forma li l-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bil-mezz ta' *bye-laws*.

Kwalifiki.

(iii) Ħadd ma jkun kwalifikat li jingħata liċenza biex jaħdem ma' *stockbroker* sakemm:

(a) ma jkunx, fil-fehma tal-Kunsill, persuna sewwa u xierqa biex ikollha dik il-liċenza;

(b) ma jiddepożitax dik l-obligazzjoni/dak l-indenniz li l-Kunsill jista' jistabbilixxi fil-*bye-laws:*

Iżda l-obbligazzjoni/indenniz għandu jiġi stabbilit f'ammont li jkun indaqs għall kull *stockbroker,* b'dak il-mod illi l-Kunsill jista' f'kull żmien jibdel l-ammont ta' l-obbligazzjoni/ indenniz hekk kif jidhirlu xieraq, u jagħti, meta dak l-ammont jitgħolla, mill-inqas tletin jum li matulhom *stockbrokers* liċenzjati ikollhom żmien sabiex jikkonformaw ruħhom; u

(ċ) ma jkollux dawk il-kwalifiki l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti permezz ta' *bye-laws*.

(iv) Hekk kif il-Kunsill jirċievi applikazzjoni għal liċenza, huwa għandu jistabbilixxi data meta jkun ser jikkunsidra dik l-applikazzjoni u, mill-inqas sitt ġimgħat qabel dik id-data, il-*General Manager* għandu jwaħħal avviż fil-bini tal-Borża li bih jiddikjara l-isem, l-indirizz u dettalji rilevanti oħra tal-applikant, u jagħti d-data, li ma għandhiex tkun ta' inqas minn erba' ġimgħat wara d-data tat-twaħħil ta' l-avviż, sa meta persuna tkun tista' tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kunsill dwar dak l-applikazzjoni. Notifikazzjoni.

(v) Applikazzjonijiet għal liċenza għandhom jiġu kkunsidrati mill-Kunsill fid-data stabbilita skond il-paragrafu (iv) ta' dan l-artikolu u sussegwentement f'kull laqgħa oħra tal-Kunsill li jqis li tkun meħtieġa. Konsiderazzjoni.

(vi) Ħadd ma għandu jingħata liċenza ħlief b'riżoluzzjoni tal-Kunsill appoġġata b'mill-anqas erba' voti. Votazzjoni.

(vii) Il-*General Manager* għandu, kif jiġi dirett mill-Kunsill wara li jittieħed dak il-vot, jinforma lill-applikant bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjonijiet tiegħu. Ma' l-għoti ta' dik il-liċenza mill-Kunsill il-kandidat isir membru tal-Borsa. Aċċettazzjoni/ Ċaħda.

(viii) Il-Kunsill ma jenħtieġx jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu. Rivelazzjonijiet.

(ix) Meta tinċaħad applikazzjoni għall-għoti ta' liċenza, l-applikant ma jistax jerġa' japplika għal liċenza qabel l-iskadenza ta' tnax-il xahar kalendarju mid-data ta' dik iċ-ċaħda. Applikazzjonijiet miċħuda.

(x) Kull min jingħata liċenza kif imsemmi qabel għandu jissupplixxi lill-*General Manager* b'indirizz kummerċjali f'Malta, li ma jkunx numru ta' kaxxella postali *(P.O. Box No.)*, li fih tintbagħat kull komunikazzjoni u korrispondenza. Il-membri għandhom javżaw lill-*General Manager* b'kull tibdil fl-indirizz. Indirizzi reġistrati.

(xi) Membru jista' jaħtar rappreżentant akkreditat sabiex jinnegozja fil-Borża u dak il-membru jkun responsabbli għal u marbut b'kull att jew omissjoni ta' dak ir-rappreżentant fl-attivitajiet tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-Borża. Rappreżentant Akkreditat.

(xii) Għandu jinżamm mill-*General Manager* Reġistru ta' membri u ta' rappreżentanti akkreditati flimkien ma' l-indirizzi reġistrati tagħhom li jkun miftuħ għal kull spezzjon kemm mill-membri u mill-pubbliku matul is-sigħat normali tax-xogħol. Reġistru tal-Membri.

(xiii) (a) Membru li jixtieq jirriżenja s-sħubija tiegħu għandu jagħmel dan bil-miktub lill-Kunsill li għandu minnufih iwaħħal avviż dwar dan mal-post fejn soltu jitwaħħlu avviżi fil-bini tal-Borża. Dak l-avviż għandu jibqa' mwaħħal għal dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit bil-mezz ta' *bye-laws*. Riżenja.

(b) Kull *stockbroker,* magħdud dak il-membru li jkollu ħsieb jirriżenja, għandu sa dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit fil-liġijiet sussidjarji, jinforma lill-Kunsill dwar kull debitu, obbligazzjoni jew irbit ieħor pendenti tal-membru li jkollu ħsieb li jirriżenja u dwar kull negozjar u transazzjonijiet pendenti li dwarhom jista' jkollu interess f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet tiegħu bħala membru tal-Borża.

(ċ) Minkejja r-riżenja tiegħu *stockbroker* għandu jibqa' responsabbli għal kull obbligazzjoni u passiv tiegħu taħt dan l-Att sakemm il-Kunsill ma jkunx ħelsu minnhom bil-miktub.

Dħul lura mill-ġdid.

(xiv) Kull min ikun irriżenja s-sħubija tiegħu jista' jerġa' japplika mill-ġdid biex jiddaħħal lura; dik l-applikazzjoni mill-ġdid tkun suġġetta meta tiġi preżentata għall-kondizzjonijiet applikabbli għas-sħubija ta' membri ġodda. Ebda applikazzjoni bħal dik ma tiġi kkunsidrata mill-Kunsill qabel l-iskadenza ta' sena mid-data tar-riżenja.

4. **Proċedura Dixxiplinarja**

Twettiq ta' l-Istatut u tal-*Bye-Laws.*

(i) Ikun id-dmir tal-Kunsill li jwettaq fis-seħħ l-Istatut u l-*Bye-Laws* u li jassigura ruħu li jkun hemm konformità magħhom mill-membri tal-Borża.

Pieni għal min jonqos li jikkonforma ruħu ma' l-Istatut u mal-*Bye-Laws.*

(ii) Meta l-Kunsill jistabbilixxi li membru tal-Borża:

(a) jkun naqas li jikkonforma ruħu ma' l-Istatut jew mal-*bye-laws;* jew

(b) jkun naqas li jikkonforma ruħu ma' xi deċiżjoni tal-Kunsill; jew

(ċ) ma jkunx aġixxa b'mod sewwa u xieraq b'detriment tal-Borża, tal-membri tagħha jew tal-pubbliku in ġenerali; jew

(d) jkun ġie ġġudikat fallut; jew

(e) jkun instab ħati ta' xi reat li għandu x'jaqsam mal-fiduċja pubblika; jew

(f) jkun ġie interdett jew inabilit;

il-Kunsill għandu jaqtagħha liema azzjoni (magħduda t-tkeċċija, is-sospensjoni, jew l-immultar) huwa għandu jieħu dwar dak il-membru.

Proċedura dixxiplinarja.

(iii) (a) Riżoluzzjoni skond il-paragrafu (ii) ta' dan l-Artikolu li tkun dwar it-tkeċċija, is-sospensjoni jew l-immultar ta' membru tal-Borża tenħtieġ l-appoġġ ta' mill-anqas erbgħa mill-membri tal-Kunsill preżenti fil-laqgħa.

(b) Is-sospenzjoni tas-sħubija tal-Borża għandha tkun għal dak il-perijodu li ma jkunx ta' iżjed minn sena hekk kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi b'dan illi din is-sospensjoni tkun tista' tiġġedded

mill-Kunsill għal raġuni tajba u suffiċjenti. Matul dak il-perijodu ta' sospensjoni l-membru sospiż ma għandux ikompli sejjer bl-attività ta' *stockbroker*. Avviż tat-tkeċċija jew sospensjoni ta' membru għandha minnufih titwaħħal mal-post fejn soltu jitwaħħlu avviżi fil-bini tal-Borża.

(ċ) Meta *stockbroker* ikun irriżenja, tkeċċa jew ġie ġġudikat fallut jew instab ħati ta' reat li għandu x'jaqsam mal-fiduċja pubblika, jew fil-każ li jkun ġie interdett jew inabilit, u ma jkunx jista' jħallas il-passiv tiegħu li jkollu ma' membri sħab oħra jew mal-Borża, il-Kunsill ikollu s-setgħa li jżomm jew jirrikjama l-obbligazzjoni li tkun ġiet depożitata skond is-subparagrafu (f) tal-paragrafu (iii) tal-Artikolu 3 ta' dan l-Istatut u li jgħaddi dawk il-flus jew ammonti oħra li joħorġu minn dik l-obbligazzjoni f'dik ir-riżerva jew kont ieħor li l-Kunsill iqis xieraq u li juża dawk il-flus kollha jew parti minnhom sabiex jillikwida l-passiv ta' dak il-membru fil-konfront ta' membri sħab oħrajn jew tal-Borża, magħduda kull multa mwaħħla bis-saħħa tal-paragrafu (ii) ta' dan l-Artikolu u kull ma jibqa' żejjed, jekk jibqa', għandu jingħata lura lill-membru.

(iv) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ii) ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għar-rappreżentanti akkreditati, u f'kull każ bħal dak il-Kunsill jista' jieħu kull azzjoni msemmija fl-imsemmi paragrafu dwar il-membru u r-rappreżentant akkreditat tiegħu u f'kull każ bħal dak il-Kunsill jista' jistabbilixxi li dik il-persuna ma għandhiex taġixxi ta' rappreżentant akkreditat għal xi membru ieħor għal dak il-perijodu li tista' tqis xieraq. Rappreżentanti Akkreditati.

(v) Membru jew rappreżentant akkreditat, li l-kondotta tiegħu tkun qiegħda tiġi investigata mill-Kunsill, għandu jingħata l-opportunità li jinstema' jitkellem mill-Kunsill b'difiża tiegħu nnifsu. Dritt ta' smiegħ.

(vi) Id-deċiżjoni li tittieħed mill-Kunsill skond dan l-Artikolu tkun waħda finali. Id-deċiżjoni tkun finali.

5. **Kunsill**

(i) Il-Kunsill imwaqqaf bis-saħħa ta'l-artikolu 4 ta' l-Att għandu jintgħamel skond il-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Artikolu. Kunsill.

(ii) Il-Ministru jaħtar wieħed mill-membri tal-Kunsill biex ikun *Chairman*. *Chairman*.

(iii) (a) Il-Kunsill jintgħamel minn *Chairman* u minn erba' membri oħra; Sħubija fil-Kunsill.

(b) Erba' membri tal-Kunsill, inkluż iċ-Chairman, għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost persuni li, fil-fehma tiegħu, kellhom esperjenza u wrew kapaċità f'attivitajiet kummerċjali, finanzjarji, f'xi professjoni jew studju akkademiku;

(ċ) Il-membru li jifdal għandu jinħatar mill-Bank Ċentrali minn fost l-aktar uffiċjali anzjani tiegħu.

Membri magħżulin.

(iv) B'żieda mal-membri msemmija qabel il-Kunsill jista' jagħżel mhux iktar minn żewġ persuni oħra sabiex ikunu membri tal-Kunsill kif jista' jidhirlu spedjenti.

Viċi *Chairman*.

(v) Il-Kunsill jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu bħala Viċi *Chairman* u dan jagħmilha ta' *chairman* fin-nuqqas taċ-*Chairman*.

Żmien tal-kariga.

(vi) Il-membri tal-Kunsill għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' mhux iktar minn tliet snin iżda jkunu eliġibbli li jerġgħu jinħatru.

General Manager.

(vii) Il-Kunsill għandu jaħtar *General Manager* li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Borża skond il-*policy* stabbilita mill-Kunsill.

Meta membru tal-Kunsill ikun involut fil-materja diskussa.

(viii) Meta membru tal-Kunsill ikun direttament jew indirettament involut f'xi materja li tkun qed tiġi diskussa fil-Kunsill, huwa għandu jirtira minn dik is-seduta tal-Kunsill meta dik il-materja tkun qegħda tiġi diskussa jew qed tittieħed deċiżjoni dwarha u f'każ bħal dak, għall-għanijiet kollha, il-Kunsill jintgħamel mill-membri l-oħra kollha.

Min jiddeċiedi dwar jekk membru huwiex involut.

(ix) Għandhom esklussivament jiddeċiedu dwar jekk membru tal-Kunsill ikunx direttament jew indirettament involut f'xi materja bħal dik il-membri l-oħra tal-Kunsill b'esklużjoni ta' dak il-membru innifsu.

6. **Kumitat**

Kumitat.

(i) (a) Jitwaqqaf Kumitat li jkollu r-rwol li jagħti pariri lill-Kunsill fuq kull ħaġa li tolqot il-proċeduri tan-negozju u fuq kull ħaġa oħra li tirrigwarda l-membri tal-Borża jew li tkun inċidentali għat-tħaddim sew tal-Borża.

(b) Ikun id-dmir tal-Kumitat li jagħmel rapport lill-Kunsill dwar kull nuqqas ta' xi membru li jħares l-Istatut u l-*Bye-Laws* u li jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jqis meħtieġa lill-Kunsill.

Sħubija fil-Kumitat.

(ii) Il-Kumitat jintgħamel minn dawn il-membri li ġejjin:

(a) membru maħtur mill-Kunsill minn fost l-uffiċjali eżekuttivi anzjani tal-Borża;

(b) erba' membri oħra li jiġu eletti ta' kull sena mill-membri tal-Borża minn fosthom stess.

Iċ-*Chairman* u l-Viċi tiegħu.

(iii) Il-Kumitat għandu jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu li jagħmilha ta' *Chairman* u lil membru ieħor li jagħmilha ta' Viċi *Chairman*.

Elezzjonijiet.

(iv) L-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat għandhom isiru waqt laqgħa speċjali ta' *stockbrokers* liċenzjati li titlaqqa' miċ-*Chairman* mhux aktar tard mill-wieħed u tletin jum ta' Marzu ta' kull sena u għandha titmexxa kif ġej:

(a) l-elezzjoni għandha ssir b'vot sigriet;

(b) il-membri li jiġu eletti għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sena li tibda sseħħ mill-ewwel jum ta' April ta' dik is-sena u jkunu eliġibbli li jerġgħu jiġu eletti:

Iżda l-elezzjoni ta' l-ewwel Kumitat għandha tissejjaħ miċ-*Chairman* tal-Kunsill mhux iktar tard mill-wieħed u tletin jum ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin. Il-membri eletti għandhom jibqgħu fil-kariga sal-wieħed u tletin jum ta' Marzu tas-sena ta' wara;

(ċ) il-membri eliġibbli biex jiġu eletti fil-Kumitat ikunu dawk li isimhom ikun jidher fuq ir-reġistru tal-membri f'data li tiġi stabbilita miċ-*Chairman* tal-Kunsill, li ma tkunx inqas minn tletin jum qabel id-data tal-laqgħa speċjali li fiha jkollha ssir l-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat u li ma jkunux temmew milli jkunu membri fil-jum meta ssir dik il-laqgħa;

(d) nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni fil-Kumitat għandhom isiru bil-miktub u juru biċ-ċar x'ikun jismu il-membru propost għall-elezzjoni, jkunu ffirmati mill-inqas minn żewġ membri oħrajn li jkunu jaħdmu l-Borża u li jiffirmaw bħala proponent u sekondant, u liema nominazzjonijiet jiġu kontrosenjati fuq wara minn min ikun qiegħed jiġi nominat. Il-formoli ta' nominazzjoni debitament mimlijin għandhom jiġu konsenjati lill-*General Manager* fil-bini tal-Borża mhux inqas minn għaxart ijiem qabel id-data tal-laqgħa. Il-*General Manager* għandu jieħu ħsieb li isem kull membru propost għall-elezzjoni fil-Kumitat u isem il-proponenti u s-sekondanti tagħhom għandhom jitwaħħlu mal-post fejn soltu jitwaħħlu l-avviżi fil-bini tal-Borża.

7. **Vakanzi fil-Kunsill**

(i) Persuna ma tibqax iktar membru tal-Kunsill f'dawn il-każi li ġejjin: Vakanzi.

(a) mar-riżenja tagħha li tingħata lill-Ministru bil-miktub;

(b) jekk ma tibqax kwalifikata għall-ħatra jew nomina bħala membru tal-Kunsill;

(ċ) fil-każ li tiġi ġġudikata falluta jew tinstab ħatja ta' reat li għandu x'jaqsam mal-fiduċja pubblika;

(d) fil-każ li tiġi interdetta jew inabilita;

(e) meta tkun assenti b'mod mhux ġustifikat minn laqgħat tal-Kunsill għal tliet darbiet konsekuttivi.

(ii) Ebda membru tal-Kunsill ma għandu jinġiegħel jitlaq il-kariga tiegħu minħabba biss li huwa jkun membru, direttur jew uffiċjal ta' xi kumpannija li tkun għamlet xi kuntratt mal-Borża jew xi xogħol għaliha, iżda membru tal-Kunsill għandu jirrivela kull interess personali Interess personali.

tiegħu f'kull transazzjoni jew kuntratt u ma jistax jivvota dwar xi kuntratt jew xogħol bħal dak. Membru tal-Kunsill li jikser dan il-paragrafu jista' jitneħħa b'ordni tal-Ministru u jkun responsabbli sabiex jikkompensa lill-Borża għal kull telf ikkawżat bl-aġir tiegħu b'riżultat ta' dak l-att.

Tneħħija.

(iii) Mal-ġrajja ta' xi ħaġa msemmija fil-paragrafu (i) ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill għandu jiddikjara s-siġġu ta' dak il-membru vakanti.

Vakanzi oħrajn.

(iv) Meta jkun hemm xi vakanza fost il-membri tal-Kunsill, dik il-vakanza għandha timtela bil-ħatra ta' persuna oħra mill-Ministru, jew mill-Bank Ċentrali, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (iii) ta' l-Artikolu 5 ta' dan l-Istatut.

Votar.

(v) Kull membru tal-Kunsill għandu jkollu vot wieħed biss f'laqgħa tal-Kunsill, ħlief iċ-*Chairman* u l-Viċi *Chairman* fin-nuqqas taċ-*Chairman,* li jkollu vot oriġinali u *casting vote.* Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi sakemm ma jiġix provdut mod ieħor fl-Istatut.

Rimunerazzjoni.

(vi) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Kunsill għandhom jitħallsu dik ir-rimunerazzjoni li tista' tiġi approvata mill-Ministru. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi xi tkun ir-rimunerazzjoni tal-*General Manager.*

Indenniz.

(vii) Kull membru tal-Kunsill għandu jiġi indennizzat mill-Borża għar-rigward ta' kull passiv, spejjeż, telf u infieq li dwarhom dak il-membru tal-Kunsill jista' jidħol responsabbli dwar kull ħaġa li ssir in *bona fede* minnu fit-twettiq ta' dmirijietu bħala membru tal-Kunsill:

Iżda ebda membru minn dawk ma għandu jaċċetta responsabbilità mingħajr l-awtorità tal-Kunsill.

8. **Vakanzi fil-Kumitat**

Vakanzi.

(i) Persuna ttemm milli tkun membru tal-Kumitat f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) meta tagħti r-riżenzja tagħha bil-mezz ta' avviż bil-miktub liċ-*Chairman* tal-Kunsill;

(b) jekk ittemm milli tkun kwalifikata li tinħatar jew tiġi eletta, skond il-każ, bħala membru tal-Kumitat;

(ċ) fil-każ li tingħatalha sentenza ta' falliment jew tinsab ħatja ta' reat li jolqot il-fiduċja pubblika;

(d) fil-każ li tiġi interdetta jew inabilita;

(e) meta tkun assenti b'mod mhux ġustifikat minn laqgħat tal-Kumitat għal tliet darbiet konsekuttivi.

Tneħħija.

(ii) Mal-ġrajja ta' xi ħaġa msemmija fil-paragrafu (i) ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat għandu jiddikjara s-siġġu ta' dak il-membru vakanti.

(iii) Meta jkun hemm xi vakanza fost il-membri tal-Kumitat, dik il-vakanza għandha timtela minn dak il-membru li jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti fl-aħħar elezzjoni u ma kienx ġie elett: Vakanzi oħrajn.

Iżda, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak imsemmi li jkun eliġibbli li jiġi elett jew li jkun irid jaċċetta l-ħatra, il-vakanza għandha timtela bil-mezz ta' għażla li ssir mill-Kumitat.

(iv) Kull membru tal-Kumitat għandu jkollu vot wieħed biss f'laqgħa tal-Kumitat, ħlief iċ-*Chairman* u l-Viċi *Chairman* fin-nuqqas taċ-*Chairman*, li jkollu vot oriġinali u *casting vote*. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi sakemm ma jiġix provdut mod ieħor fl-Istatut. Votar.

9. **Laqgħat tal-Kunsill**

(i) Il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jinżammu f'dawk il-ġranet u postijiet li ċ-*Chairman* tal-Kunsill jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'dan illi l-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba f'kull xahar kalendarju. Frekwenza.

(ii) Għandu jingħata avviż bil-miktub tal-jum, post, ħin u aġenda ta' laqgħa tal-Kunsill mill-*General Manager* lil kull membru tal-Kunsill. Avviż.

(iii) Ma tista' tiġi trattata ebda aġenda f'xi laqgħa tal-Kunsill kemm-il darba ma jkunx hemm preżenti *quorum* tal-membri. Il-*quorum* meħtieġ biex tibda tiġi trattata l-aġenda ikun ta' tliet membri kwalifikati li jivvotaw. *Quorum*.

Jekk fi żmien tletin minuta wara l-ħin stabbilit għal-laqgħa l-membri preżenti ma jkunux biż-żejjed fil-għadd biex jagħmlu *quorum*, dik il-laqgħa għandha titħalla għall-istess jum tal-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u post, u għandu jintbagħat avviż li jkun isemmi dan lill-membri kollha.

Jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* fi żmien tletin minuta mill-ħin stabbilit għal-laqgħa, il-membri preżenti mbagħad jagħmlu *quorum*:

Iżda b'dan illi laqgħa bi *quorum* hekk imnaqqas ma jkollhiex is-setgħa li temenda xi *Bye-Laws*.

(iv) (a) Laqgħa speċjali li tissejjaħ mill-Kunsill għandha tinżamm mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena finanzjarja. Iċ-*Chairman* għandu f'dik il-laqgħa jagħmel ir-rapport tiegħu għas-sena finanzjarja ta' qabel u jqiegħed fuq il-mejda kopja tal-kontijiet verifikati tal-Borża kif ikunu ġew approvati mill-Kunsill. *Stockbrokers* liċenzjati għandhom jattendu għal din il-laqgħa tal-Kunsill. Laqgħat speċjali.

(b) Laqgħat speċjali oħrajn tal-Kunsill jistgħu jissejħu miċ-*Chairman* b'talba li ssirlu bil-miktub minn mill-inqas tliet membri tal-Kunsill u għandhom isiru fi żmien ġimgħa minn meta ssir dik it-talba. Għandu jingħata avviż bil-miktub ta' laqgħa speċjali bħal dik, li fih jissemma għaliex tkun qegħda titlaqqa', mill-*General Manager* lil kull membru tal-Kunsill mill-inqas tnejn-u-sebgħin siegħa qabel il-jum stabbilit għal dik il-laqgħa.

Proċedimenti.

(v) Il-Kunsill ikollu s-setgħa, salvi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, li jistabbilixxi l-laqgħat tiegħu stess u li jirregola l-proċedimenti tiegħu innifsu.

10. **Laqgħat tal-Kumitat**

Frekwenza.

(i) Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jinżammu f'dawk il-ġranet u postijiet li ċ-*Chairman* tal-Kumitat jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'dan illi l-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba f'kull xahar kalendarju.

Avviż.

(ii) Għandu jingħata avviż bil-miktub tal-jum, post, ħin u aġenda ta' laqgħa tal-Kumitat miċ-*Chairman* tal-Kumitat lil kull membru tal-Kumitat.

Quorum.

(iii) Ma tista' tiġi trattata ebda aġenda f'xi laqgħa tal-Kumitat kemm-il darba ma jkunx hemm preżenti *quorum* tal-membri. Il-*quorum* meħtieġ biex tibda tiġi trattata l-aġenda ikun ta' tliet membri kwalifikati li jivvotaw.

Jekk fi żmien tletin minuta wara l-ħin stabbilit għal-laqgħa l-membri preżenti ma jkunux biż-żejjed fil-għadd biex jagħmlu *quorum*, dik il-laqgħa għandha titħalla għall-istess jum tal-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u post, u għandu jintbagħat avviż li jkun isemmi dan lill-membri kollha.

Jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm preżenti *quorum* fi żmien tletin minuta mill-ħin stabbilit għal-laqgħa, il-membri preżenti mbagħad jagħmlu *quorum*.

Laqgħat speċjali.

(iv) Laqgħat speċjali tal-Kumitat jistgħu jissejħu miċ-*Chairman* tal-Kumitat b'talba li ssirlu bil-miktub minn mill-inqas tliet membri tal-Kumitat u għandhom isiru fi żmien ġimgħa minn meta ssir dik it-talba. Għandu jingħata avviż bil-miktub ta' laqgħa speċjali bħal dik, li fih jissemma għaliex tkun qegħda titlaqqa', miċ-*Chairman* tal-Kumitat lil kull membru tal-Kumitat mill-inqas tnejn-u-sebgħin siegħa qabel il-jum stabbilit għal dik il-laqgħa.

Proċedimenti.

(v) Il-Kunsill ikollu s-setgħa, salvi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, li jistabbilixxi l-laqgħat tiegħu stess u li jirregola l-proċedimenti tiegħu innifsu.

11. **Finanzi**

Fondi.

(i) Il-fondi tal-Borża għandhom jinżammu f'dawk il-banek li l-Kunsill jistabbilixxi minn żmien għal żmien. Kull *cheque* maħruġ in akkont tal-Borża għandu jiġi ffirmat minn dik il-persuna jew persuni li l-istess Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

Dħul.

(ii) Id-dħul u l-proprjetà tal-Borża għandhom jintużaw unikament għall-promozzjoni ta' l-oġġettivi u fl-interess tal-Borża hekk kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi.

(iii) Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jinżammu sew kotba tal-kontijiet dwar: Kotba tal-Kontijiet miżmumin sew.

(a) kull ammont ta' flus imdaħħal u minfuq mill-Borża u l-ħwejjeġ li dwarhom dak id-dħul u nfieq isir;

(b) kull xiri u bejgħ li jsir mill-Borża; u

(ċ) l-attiv u l-passiv tal-Borża.

(iv) Għandhom jinżammu kotba tal-kontijiet dettaljati sabiex dawn jagħtu viżjoni vera u ċara ta' l-attività tal-Borża u sabiex jispjegaw it-transazzjonijiet tagħha. Viżjoni vera u ċara.

(v) Il-kotba tal-kontijiet għandhom jinżammu fl-Uffiċċju Reġistrat tal-Borża u għandhom ikunu dejjem miftuħin għall-ispezzjon tal-membri tal-Kunsill, u hekk kif il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi. Lok fejn jinżammu l-Kontijiet.

(vi) L-udituri għandhom jinħatru ta' kull sena mill-Kunsill b'dik ir-rimunerazzjoni li jiftiehem dwarha l-Kunsill. Ħatra ta' udituri.

(vii) L-udituri tal-Borża għandhom jedd jattendu kull laqgħa speċjali msejħa skond ma hemm fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (iv) ta' l-Artikolu 8 ta' dan l-Istatut u jirċievu kull avviż ta' laqgħa speċjali, u kull komunikazzjoni li għandha x'taqsam ma', dik il-laqgħa li membru tal-Borża jkollu jedd jirċievi, u li jinstemgħu f'xi laqgħa speċjali li jattendu għaliha dwar kull ħaġa li tiġi diskussa fil-laqgħa sakemm din tkun ta' interess għalihom bħala udituri. Rimunerazzjoni ta' l-udituri.

12. **Fond ta' Kumpens**

(i) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi permezz ta' *bye-laws* Fond ta' Kumpens bil-għan li jassigura s-sigurtà ta' transazzjonijiet fil-Borża fil-każ li xi membru jkollu diffikultajiet finanzjarji biex iwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu mal-pubbliku investitur. Twaqqif.

(ii) Dak il-fond ikun regolat b'dak il-mod kif jista' jiġi provdut permezz ta' *bye-laws*.". Għamla.